MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 106/2006

**Michael Marletta**

**vs**

**Alexander Charles Bugeja**

## Il-Qorti:-

Rat r-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sebgha (7) t'April 2006 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lil konvenut ihallas id-danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti bhala rizultat tal-fatt li l-madum w it-tarag imqieghed minnu fil-fond 'Marletta Service Centre' fi Triq Gdida go Triq San Pawl, Naxxar, ma sarx skond l-arti w s-sengha u l-parti l-kbira tal-istess madum u t-tarag ser ikollha tinqala kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi oltre dan, ir-rikorrent qed jigi mpedut milli juza l-fond kummercjali hawn fuq imsemmi u milli jissulloka ambjenti fl-istess.

Illi dawn d-danni jeccedu l-elf u hames mitt lira maltin (LM1500) izda ma jeccedux l-hamest elef lira maltin (LM5000).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat r-risposta tal-intimat Alexander Charles Bugeja ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa (5) ta' Mejju 2006 (fol. 7) fejn eccepixxa li:

"1.It-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li x-xoghlijiet esegwiti mill-esponenti fuq inkarigu tar-rikorrenti, saru skond s-sengha w l-arti u ai termini tal-ftehim t'appalt milhuq bejn il-partijiet u dan kif ser jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghaajr pregudizzju ghas-sueccepit, jinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti n-nuqqasijiet li qed jilmentaw minnhom l-istess rikorrenti u l-allegati xoghlijiet rimedjali mehtiega, specjalment fid-dawl tal-fatt li d-danni minnhom pretizi, ma gewx kwantifikati.

3. Illi konsegwetnement, ghandha tigi respinta wkoll dik il-parti tat-talba tar-rikorrenti fejn qed jallegaw danni konsistenti f'nuqqas t'uzu tal-fond kummercjali w it-telf ta' kera mis-sullokazzjoni tal-istess, stante li l-esponenti m'ghandux jinzamm responsabbli ghal decizjonijiet li jittiehdu mir-rikorrenti dwar jekk jaghmilx uzu mill-fond inkwistjoni o meno, liema decizjonijiet arbitrali setghu wasslu ghal xi telf ta' qliegh, la darba x-xoghlijiet imwettqa mir-rikorrenti saru b'diligenza u kif tirrikjedi s-sengha.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat tlettax (13) ta' Gunju 2006 fejn gie nominat perit arkitett sabiex jaccedi fil-fond mertu ta' din il-kawza u jezamina x-xoghlijiet ta madum li saru u jirrelata jekk sarux skond is-sengha u l-arti u f'kaz li ma sarux jikkwantifika d-danni biex ix-xoghol ikun sostitwit.

Rat s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Silvio Meli nhar s-sebgha (7) t'Otturbu 2008 (fol. 97).

Rat ukoll s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'April 2009 (fol. 127).

Semghet lil partijiet jittrattaw fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Dicembru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 2006 xehed l-**Perit Andre Pizzuto** (fol. 14) fejn ikkonferma li hu kien gie nominat bhala perit tekniku minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat tlettax (13) ta' Gunju 2006 u wara li acceda fuq il-post hu kien f'posizzjoni li jesibixxi r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni giet esebita minnu nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 2006 w immarkata bhala Dok. AP (fol. 18 et seq).

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li l-Perit Arkitett Andre Pizzuto huwa tal-fehma li x-xoghol kif ezegwit mill-konvenut ma sarx skond is-sengha w l-arti u li dan sar principalment minhabba l-fatt li l-konvenut m'ghandux konoxxenza bazika tas-sengha tat-twahhil tal-madum kif ukoll m'ghandux l-esperjenza necessarja biex jkun jista jsolvi l-aspetti kumplessi ta' din i-sengha meta gie rinffaccjat b'sitwazzjonijiet li talbu kalkulazzjoni ta' livell tal-art.

Jghid ukoll li kien evidenti li x-xoghol sar bl-ghaggla u minghajr reqqa w attensjoni tant li f'parti sostanzjali tal-blokk, il-madum twahhal bi qlib mhux adegwat jew

eccessiv (O). Li halla l-*conduits* mikxufin, ma hasibx ghall-livell tal-*flash beams*, inora l-esistenza tal-hogor tat-twieqi meta wahhal iz-zokklu fit-tarag, halleb il-madum fejn dan kien mxellef, flok li qalghu u biddlu minnufih u m'allinjax il-madum mal-fethiet tal-bibiem w ghalhekk dan ix-xoghol ma setghax jigi accettat.

Huwa kkonkluda li l-uniku rimedju ghal dan in-nuqqas huwa, li l-madum jerga jinqala kollu u jsir mill-gdid u ghal dan ix-xoghol hemm spiza ta' tlett elef hames hames mija u tmenin lira maltin (LM3,580).

Illi nhar t-tmintax (18) t'April 2007, xehed l-attur **Michael Marletta** (fol. 38) fejn qal li hu kellu proprjeta konsistenti fi tlett sulari li fiha kellu ufficcini u hanut. Jghid li din kienet sitwata fin-Naxxar u l-binja kienet maghrufa bhala '*Marletta Services Centre*' fi Triq Gdida fi Triq San Pawl, Naxxar. Jghid li din il-binja kienet gdida, gebel u saqaf. Jghid wkoll li hu ried jikriha jew juzaha ghan-negozju tieghu li hu ta' electrician jew jimporta xi affarijiet relatati. Qal li sabiex jinvesti fil-binja, ssellef ghaxart elef lira maltin (LM10,000) u naturalment ried lil xi hadd ipoggilu madum.

Qal li kien iltaqa' mal-konvenut fuq xoghol li kien qed jaghmel r-Rabat u ftiehem mieghu biex imur jara l-post u jekk jaqblu, jibda jpoggilu l-madum. Qal li l-konvenut kien mar fuq il-post w accetta li jidba x-xoghol u ftehmu wkoll li kellu jiccargjah zewg liri u hamsa w sebghin centemzu maltin ghal kull metru kwadru u dan ghat-tqeghid biss ghaliex l-affarijiet l-ohra kienu ghalih. Qal li l-konvenut kien mar poggielu zewg ringili madum biex il-post ikun jista jinghalaq bl-*aluminium* u wara li l-post inghalaq bl-*aluminium*, mar ikompli billi beda bis-sular tal-hanut u wara kompla fuq l-ewwel sular, inkluz t-tarag li mill-hanut jaghti ghal ewwel sular.

Qal li kienu ftehmu wkoll li kull bicca xoghol li huwa jlesti, kellu jithallas taghha. Ix-xhud kompla jghid li hu kien beda jeffettwa l-pagamenti kif kienu ftehmu u taha lil konvenut cekk ta' tlett mija u hamsin lira maltin wara li lesta l-hanut u l-ewwel sular biss. Qal li l-konvenut kompla mill-*basement* sa fuq nett u lesta s-sular ta' fuq wkoll u thallas

disgha mija u tnejn u tmenin lira maltin ta'dan li kien jinkludi xi spejjez li ghamel hu wkoll. Qal li dan il-pagament hu kien hallsu lil konvenut tax-xoghol li kien ghamel.

Qal li l-konvenut kien jaf wkoll li fil-hanut kellu jbiddel xi madum minn mal-hajt u meta hu kellmu, il-konvenut kien qallu li kien ser jghamlu l-ghada. Qal li dawn kellhom jinbidlu wara li rrizultalu li l-madum kien iccippjat minn mal-hajt u ma kienx tal-i*standard* pattwit. Qal li l-konvenut kien jaf li kellu jissostitwixxi dan il-madum minn meta tah l-ewwel pagament. Qal li hu kien jafda lil konvenut. Ix-xhud zied jghid li darba minnhom mar u sab li kien hemm xi madum iccippjat u cempel lil konvenut li qallu li kien sejjer dak l-hin stess.

Zied jghid li nel frattemp, hu kien mar jara t-tieni sular u waqt li kien qed ihares lejn l-plakek u lejn l-art, ra li kien hemm dislivell fil-madum u mar gab invell w immarka d-dizlivell. Qal li meta wasal l-konvenut, dakinhar hu wrieh il-madum iccippjat u l-konvenut kien qallu li kien ser jibdlu. Qal li meta staqsa lil konvenut dwar d-dislivell kbir li hu kien ra fit-tieni sular, l-konvenut kien qallu li hu ma kienx jidhol fiha, pero sussegwentement qallu li kellu jghola minhabba fiha.

Qal li hu kien qal lil konvenut li hu ried xoghol tajjeb u l-konvenut beda jippanikkja u qallu li fil-kaz, kien jaghtih lura l-flus pero l-ewwel ried li jcempel lil missieru. Qal li hu qallu li flus lura ma riedx, ried biss xoghol tajjeb. Qal li dak l-hin l-konvenut cempel lil xi hadd, li hu haseb li kien missieru, baqghu nezlin t-tarag u hargu barra u ma qal xejn u baqa sejjer l' hemm.

Ix-xhud zied jghid li l-ghada kien cempel lil konvenut biex jara kif kienu ser jibqghu u l-konvenut qallu li ma setghax imur dakinhar biex ibiddel z-zewg madumiet u hu qallu li din ma kienetx biss kwistjoni ta' madum iccippjat, izda nuqqas ta' dizlivell fit-tieni sular u qallu li kien inutili li jbiddel zewg madumiet meta kien jidher car li l-madum li twahhal, ried jinqala. Qal li l-problema ma kienetx ristretta ghat-tieni sular izda d-dizlivell kien jidher fis-sulari 'l ohra

wkoll. Qal li s-sulari ta' fuq kienu simili hafna mill-izbalji li kien fihom. Ix-xhud qal li l-madum kien xtrah hu stess ghal prezz ta' tlett liri u disghin centezmu kull metru u li b'kollox kien swieh elf, erbgha mija u hamsa w disghin lira maltin.

Qal li la jinqala, l-madum ma jistax jerga jigi utilizzat. Qal li l-kwistjoni ma hiex fis-sulari biss peress li d-dizlivell jaffettwa wkoll t-tarag w allura t-tarag ried jinqala wkoll. Qal li l-ufficcini hu ma kienx utilizzhom minhabba dan d-dizlivell u li lanqas *toilets* ma setgha jaghmel fl-istess.

Ix-xhud zied jghid li fil-bidu ta' dik is-sena, kienu resqu Patricia Borg u Mario fuqu u wrewh interess li jikru l-blokk kollu u dawn kienu accettaw li jiehdu l-post fl-istat li kien jinsab meta rawh. Qal li dawn kellhom jaghmlu l-kmamar tal-banju huma u jaghmlu kollox huma u jikru l-post. Qal li fil-fatt, hu kellu fil-pussess tieghu abbozz tal-kuntratt redatt mill-Avukat ta' Borg. Qal li f'dan il-kuntratt hemm wkoll indikat l-kera kemm kellha tkun. Zied jghid li l-kirja ma saritx minhabba l-problemi li semma konnessi mal-kaz. Qal li l-blokk kollu kellu jinkera tmint elef u hames mitt lira fis-sena. Qal li d-danni kagunati lilu mhux biss huma limitati ghal qlugh tal-madum, izda biex isir dan iridu jinqalghu s-soffitti li twahhlu, l-elettriku, l-bibien li ordna li fil-fatt ma setghux jitwahhlu, l-vetrina tal-hanut li riedet tinqala kollha, l-logg jinqata u bieb tal-*aluminium* fis-*shaft* li ried jinqala.

Qal li t-total ta' metri kwadri li wahhal l-konvenut huwa ta' mija u sittin metru kwadru. Qal li hemm erbgha sulari tarag bil-mija u hamsin lira ghal kull sular, allura ekwivalenti ghal sitt mitt lira u l-ammont kollu li hu kin taha lil konvenut, huwa ta' elf tlett mija u tnejn u tletin lira u hamsin centezmu. Ix-xhud qal li ried jippresenta n-nota bid-dokumenti li ghamel referenza ghalihom fid-deposizzjoni tieghu llum w ipprometta li jaghmel rendikont dettaljat tal-ispejjez w id-danni li sofra kagun tax-xoghol hazin li ghamel l-konvenut.

Illi l-attrur, permezz ta' nota ppresentata seduta stante nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2007, ippresenta

prospett tad-danni sofferti minhabba l-agir tal-konvenut, liema nota giet immarkata bhala Dok. MM 1 (fol. 44), liema cifra ghalkemm taqbez sew s-somma ta’ hamest elef lira maltin, l-attur kien qed jillimita ghas-somma ghal hamest elef lira maltin (LM5,000).

Illi nhar t-tletin (30) t’Ottubru 2007, xehed l-kovnenut **Alexander Charles Bugeja** (fol. 46) fejn qal li hu ghandu s-sengha li jpoggi l-madum u li kien ilu jahdem f’din s-sengha ghal dawk l-ahhar hames snin u dejjem hadem ghal rasu. Qal li huwa kien ltaqa’ mal-attur fuq bicca xoghol r-Rabat, meta hu kien qed jahdem ghand persuna ohra. Qal li hu u l-attur kienu ftehmu li jghamel bicca xoghol ghal attur u kien beda tali xoghol nhar s-sittax (16) ta’ Jannar 2006. Qal li qabel ma beda x-xoghol tal-attur, kien ilu jahdem xi tlett xhur fl-istess blokk t’appartamenti fejn kellu x-xoghol l-attur u li l-attur kien jahdem wkoll fl-istess blokka bini peress li kien qed jaghmel xi xoghol ta’ *electrician*. Qal li l-post fejn kien ftiehem mal-attur li kellu jahdem, kien rah xi xahar u nofs qabel.

Ikkonferma li kien ftiehem mal-attur fuq rata ta’ zewg liri u hamsa u sebghin lira maltin kull metru u l-materjal ghal attur. Qal li x-xoghol kellu jsir fuq tlett pjani differenti u hu kien beda l-ewwel zewg pjani u lestihom u l-attur hallsu u wara kien cempillu l-attur sabiex ikompli bix-xoghol li kien ghad baqa’. Qal li fuq dawn iz-zewg pjani kien dam jahdem mis-sittax (16) ta’ Jannar 2006 sat-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Jannar 2006 u wara rega’ rritorna hemm fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Jannar 2006 u kien ser isiefer, informa lil attur li kif jirritorna lura Malta, kellu jkompli bix-xoghol.

Zied jghid li x-xoghol tlesta sal-erbgha (4) ta’ Marzu 2006 u wara jumejn iltaqghu u l-attur hallsu l-ammont kollu dovut ghax-xoghol li kien ghamillu. Qal li l-pagmenti huma bazati fuq kejl li ghamlu hu u l-attur flimkien u li fuqhom kienu qablu. Qal li meta kien ikun fuq ix-xoghol, l-attur gieli mar hdejh waqt li kien ikun hemm xi hadd jghinu. Qal li kien ghamel i*skirting* fl-ewwel sular u wara l-attur qallu sabiex jiehu hsieb l-gonot ta’ mal-art. Zied jghid li wara li thallas, xi jumejn wara l-attur kien cempillu

ghaliex kien sab xi zewg madumiet imxellfin fit-tielet sular u hu kien mar jirranghom u meta kienu hemm, l-attur kien qallu li kien hemm xi livelli li ma kienux qed jaqblu. Qal li l-livell kien qed ikejjlu mill-plakek w il-plakek kien wahhalhom l-attur stess.

Zied jghid li minhabba t-tqassim tat-tarag, hu ma setghax jghola aktar mill-livell tat-tarag u fuq wsara kien hemm travu tal-konkos liema travu kien f'kull sular. Qal li dan kien itellfu u kien qal bih lil attur fis-sens li ma kienx ser jghalqu bl-ezatt w ghalhekk kellu jgholli l-madum ftit u meta b'dan kien informa lil attur, dan kien qallu li kien ser ihalli f'idejh. Qal li c-ceramika li kien pogga, kien gabilu l-attur. Mistqosi jekk hu u jqieghed il-madum, kienx sab xi diffikultajiet wiegeb li kien sab d-diffikultajiet tas-soltu, bhal xi wahda mxaqqa u hekk. Qal li kien hemm bizzejjed materjal sabiex jekk isib xi maduma mxaqqa, jibdilha. Zied jghid li meta mar biex ibiddel l-madum li kien imxellef, l-attur kien qallu biex ma jersaqx aktar lejn il-post. Qal li hu kellu c-cwievet u l-attur kien qallu biex jimpustahomlu fil-*letter box*.

Mistoqsi kemm thallas minghand l-attur, wiegeb li ma kienx jaf bl-ezatt pero jaf li kien thallas ta' kollox permezz ta' zewg cekkijiet. Qal li fl-ghoxrin (20) ta' Marzu 2006, kien ircieva karta minghand l-attur biex jirrifondi s-somma ta' elf u tlieta u tletin lira maltin liema karta esibixxa bhala Dok. AB 1. Qal li wara din l-ittra ircieva ohra biex jaghtih elf u tlett mija u tlieta w tletin lira maltin, liema ittra esibixxa bhala Dok. AB 2.

In kontr'ezami, l-konvenut, mistoqsi jekk jaqbilx li hemm problema ta' dizlivelli fil-fond, wiegeb li fuq n-naha ta' wara hemm. Qal li l-attur ma kienx gab perit biex jghidlu kif jimxi w ghalhekk hu mexa kif kien jaf hu. Mistoqsi jekk hux minnu li kien hemm diversi madumiet mtajjrin li gew imqeghda fil-fond, ghajr dawk t-tnejn li ra meta mar, wiegeb li hu kien dar il-post kollu u ma sabx madum iehor imtajjar w imqieghed fl-art. Mistqosi jekk lil attur kienx qallu li jista jkun li kellu l-invell mhux tajjeb, wiegeb li le ma qallux.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 2007 xehed **l-attur Michael Marletta in kontr’ezami** (fol. 71) u ikkonferma li hu kien iltaqa’ mal-konvenut l-ewwel darba f’post ir-Rabat fejn kien qed jahdmu t-tnejn. Qal li x-xoghol ir-Rabat kien dam ghaddej xi disgha xhur u li hu kien lesta qabel l-konvenut. Ikkonferma li kien hemmhekk li qabbad lil konvenut jghamillu xi xoghol fil-propprjeta tieghu, ghalkemm x-xoghol li kien qed jaghmel il-konvenut hu ma kienx rah. Qal li hu kien qabbad lil konvenut mhux ghaliex kien ra xi xoghol tieghu, izda ghaliex kien il-persuna li setgha jaqdih malajr. Qal li hu ma kien avvicina lil ebda persuna ohra sabiex tghamillu dan x-xoghol. Mistoqsi jekk hu kienx qed jaghmel xi xoghol fil-proprjeta tieghu (tal-attur) meta l-konvenut kien ghadu ghaddej bix-xoghol tieghu tal-madum, wiegeb li le.

Mistoqsi jekk kienx imur frekwenti jara l-progress tax-xoghol, wiegeb li wara x-xoghol tieghu kien imur fuq il-post w il-konvenut spiss ma kienx isibu hemm u kien isib il-pjan maghluq bit-twavel w ghalhekk ma kienx ikun jista jidhol biex ma jghamilx hsara fuq x-xoghol li l-konvenut kien ikun ghadu kemm ghamel. Qal li l-konvenut dam madwar xahrejn jahdem fil-post u kien ghamel zewg pjanijiet u waqaf meta kien ghad fadal li isir xoghol fuq it-tielet sular u t-tarag.

Ikkonferma li meta l-konvenut lesta l-ewwel zewg pjani, kien qal li mhux lesta. Mistoqsi jekk innutax xi difetti f’dan l-istadju, wiegeb li le. Qal li kif lesta l-madum tal-*ground floor*, hu kien irrimarka lil konvenut li l-madum, skond hu, ma kienx gie mwahhal tajjeb u l-konvenut kellu jibdlu. Ix-xhud ippresenta tnax il-*print out* ta’ ritratti mill-*computer* bhala Dok. MM 1 sa MM 5. Qal li dawn r-ritratti kien hadhom hu stess wara li bdew il-proceduri odjerni.

Qal li fil-fatt l-konvenut kien jaf b’dawn il-hsarat u kien ftiehem mieghu li kellu jirranghom, pero dan ma sarx mill-konvenut. Mistoqsi jekk kienx hemm xi zewg madumiet li kienu ccippjati wiegeb li kien hemm hafna aktar. Qal li kien hemm wkoll l-gonot mal-hajt li l-konvenut ma kienx qata’ skond kif inhu rikjest bis-sengha w l-arti. Mistoqsi jekk fil-fatt x-xoghol kien kompletat, wiegeb li ma kienx

peress li kien ghad jonqos l-i*skirting*, pero fuq dan ma kienx tkellem.

Qal li hu w il-konvenut kienu ftehmu li fil-*ground floor* kellu jaghmel l-i*skirting* filwaqt li fis-sular ta' fuq, ma jghamilx. Qal li fil-fatt l-i*skirting* li ghamel l-konvenut, ma ghattix d-difetti li jidhru fir-ritratti li esibixxa.  Qal li fil-pjan muri fir-ritratt esibit, hu kien ftiehem mal-konvenut li ma jsirx *skirting*.  Ix-xhud ippreciza li hu w il-konvenut qatt ma ftehmu li kellu jaghmel *skirting*, kien biss l-konvenut li hareg bl-ideja li jaghmel l-i*skirting* biex jghatti d-difetti tax-xoghol tieghu.  Mistoqsi jekk kienx qabel ma dak suggerit mill-konvenut wiegeb li ma kellux alternattiva ohra.  Qal li l-uniku rimedju li kien ikun hemm kien li jerga jinqala l-madum u li fil-fatt fir-ritratti jidher fejn hu kien indika lil konvenut li kellu jinqala l-madum biex d-difetti jigu mghottija bl-i*skirting*.  Mistoqsi jekk l-madum kienx xi *seconds*, wiegeb li le.  Mistoqsi jekk d-dizleivell li rrizultalu kienx rizultat tal-planki u mhux ghax kien hemm l-invell tal-konvenut difettuz, wiegeb li fil-post planki ma hemmx u li sa fejn jaf hu, l-konvenut qatt ma gibidlu l-attenzjoni li kien hemm xi problemi fir-rigward.

Qal li barra minnhekk, l-konvenut ha l-inkarigu li jgib it-torba biex jinvella l-art w invellha hu stess u hu (ix-xhud) kellu jhallas ta'dan x-xoghol.  Mistoqsi ghaliex ma sarx il-ftehim ta' li hu kien qed jipprova jikkontratta ma Patricia u Mario Borg, wiegeb li dan ma sarx ghaliex l-kundizzjonijiet li riedu ma setghax jissodisfhom u li dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-mertu tal-kawza.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza titratta fuq kwistjoni ta' xoghol difettuz maghmul mill-konvenut li sar fil-proprjeta tal-attur.  Illi ghalkemm l-attur sostna din it-tezi sa mill-bidu nett tal-proceduri odjerni, l-Qorti hasset il-htiega li tappunta perit tekniku sabiex jistabbilixxi jekk it-talba attrici kienitx vera jew le.

Illi ghalhekk kien il-Perit Tekniu Pizzuto li semgha ix-xhieda u zamm accessi fil-fond sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi l-Perit Tekniku esebixxa ir-relazzjoni tieghu kif spjegat aktar ‘l fuq w ikkonferma bla ebda tlaqliq, li x-xoghol li ghamel l-konvenut, ma kienx skond is-sengha w l-arti u bhala rizultat ta’ dan ix-xoghol hazin, l-attur verament sofra danni kbar.

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza “**<u>Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg”</u> (**P.A. RCP 28 ta’ Frar 2002**) li:-**

**“***Huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta’ dan kollu li jinghad, li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa’ jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghamlu b’mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li m’ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ aspett tekniku tal-materja taht ezami.” (“***<u>**Philip Grima vs Carmleo Mamo **</u>**–** A.C 29 ta’ Mejju 1998; **<u>Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca</u>** – A.C. 6 ta’ Ottubru 1999; **<u>John Saliba vs Joseph Farugia </u>**A.C. 28 ta’ Jannar 2000; **<u>Sammy Tabone vs Carmel Tabone et</u>** – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenza huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet “**<u>Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et”</u>** *(A.C. 23 ta’ Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li:-

“*Ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b’danakollu, l-giudizio dell’arte espress mill-perit tekniku, ma jistghax u m’ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement li l-*

*konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, rragonevoli.*"

Illi ghalhekk, a bazi ta' dak li huwa rapportat aktar 'l fuq f'dawn is-sentenzi, l-Qorti ma tistax taqbad u tbiddel il-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku fuq kwistjoni ta' teknika, jekk ma tiggustifikax dan it-tibdil u din il-Qorti kif komposta, ma thossx li ghadha xi provi kuntrari l-ghala ghandha tiddubita lil Perit Tekniku fil-gudizzju tieghu w ghalhekk taqbel mar-rapport tieghu u taghmlu taghha.

Illi l-Perit Tekniku kkonferma li l-ispiza sabiex jinqala l-madum u jindibel, tammonta ghal LM3,580 u dan kif jispjega hu stess, fit-tabella annessa mar-relazzjoni tieghu a fol. 22.

Illi pero ma din is-somma trid tizdied is-somma flus li l-attur hallas lill-konvenut ghax-xoghol hazin li ghamel, ghaliex dawk huma wkoll danni u spejjez inutili li sofra hu u dawn jammontaw ghal LM1,332 (iz-zewg pagamenti li l-attur taha lill-konvenut permezz ta' zewg cekkijiet LM982 u LM350 u dan waqt li kien qed isir ix-xoghol).

Naturalment ukoll trid tizdied is-somma flus li l-attur hareg originarjament sabiex xtara l-madum li twahhal hazin u dan fl-ammont ta' LM 1,424 ( il-prezz tam-madum uzat fuq kull sular LM665 + 594 + 165).

B'hekk zgur li l-attur sofra danni fl-ammont ta' LM 6,336 (l-ammont likwidat mill-perit fl-ammont ta' LM3580, il-hlasijiet li saru lill-konvenut inutilment fl-ammont ta' LM1332 u l-ispiza sabiex inxtara l-madum fl-ammont ta' LM1424).

Illi l-Qorti ma hiex ser tidhol fuq il-kwistjoni ta' *loss of use* tal-proprjeta, ghaliex is-somma li hija likwidata, diga teccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti, u stante li l-kompentenza taghha *ratione valoris* hija ristretta, din il-Qorti qedha tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) ekwivalenti ghal hdax il-elf sitt mija sitta w erbghin euro u disghin euro centezmu (EURO 11646.90).

Il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet prezentata qabel ma saru l-emendi, fejn l-kompetenza taghha *ratione valoris* giet estiza, pero ma tapplikawx b'retroattivita.

**Ghaldaqstant il-Qorti qed takkolji t-talba attrici u tiddikjara li x-xoghol li gie esegwit mill-attur lil konvenut, ma kienx skond is-sengha w l-arti u konsegwentement qed tillimita d-danni likwidati sofferti mill-attur fl-ammont ta' hdax il-elf sitt mija sitta w erbghin euro u disghin euro centezmu (EURO 11646.90) ekwivalenti ghal hamest elef lira maltin (LM5,000).**

**L-ispejjez u l-imghaxx skond il-ligi jithallsu kollha mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------